Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,760, 31 ta' Diċembru, 2021
Taqsima B

A.L. 508 tal-2021

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Proċedura Ċivili (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u ta' Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti Oħra)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 1009A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar il-Proċedura Ċivili (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u ta' Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti Oħra) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Proċedura Ċivili (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u ta' Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti Oħra), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 12.21.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-14 ta' Diċembru 2021.

Jissostitwixxi r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar il-Proċedura Ċivili (Regolament tar-Reġistri, l-Arkivji u l-Funzjonijiet tad-Direttur tal-Qrati (Għawdex) u Uffiċjali Eżekuttivi oħra tal-Qorti)".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "Direttur Ġenerali (Qrati)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Direttur tal-Qrati (Għawdex)";

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "Direttur Ġenerali tal-Qrati u Tribunali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Direttur tal-Qrati u Tribunali (Għawdex)";

(ċ) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-

Verżjoni Elettronika

subregolament ġdid li ġej:

"(3) Id-Direttur Ġenerali (Qrati) għandu jkun responsabbli għall-ġestjoni u l-amministrazzjoni tal-Qrati ta' Għawdex, inklużi r-reġistri, l-arkivji u servizzi oħra. Huwa għandu jmexxi l-Qrati ta' Għawdex, u l-uffiċjali eżekuttivi kollha tal-qorti li jwettqu dmirijiet fil-Qrati ta' Għawdex għandhom, fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom, jieħdu istruzzjonijiet mid-Direttur tal-Qrati (Għawdex) u jkunu responsabbli għalih.";

(d) fis-subregolament (4) tiegħu, il-kliem "Direttur Ġenerali tal-Qrati" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Direttur tal-Qrati (Għawdex)";

(e) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(5) Kull meta qorti jew tribunal teħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet legali tagħha l-użu ta' kwalunkwe spazju msemmi qabel, hija għandha, permezz tal-viċi reġistratur assenjat lilha jew li jwettaq id-dmirijiet tagħha, titlob l-użu ta' dan l-ispazju lid-Direttur tal-Qrati (Għawdex) jew lil tali uffiċjal li d-Direttur tal-Qrati (Għawdex) jista' jiddelega għal dan il-għan."; u

(f) fis-subregolament (7) tiegħu, il-kliem "Direttur Ġenerali tal-Qrati" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Direttur tal-Qrati (Għawdex)".

Verżjoni Elettronika

SKEDA
Emendi konsegwenzjali għal leġislazzjoni oħra

LEĠIŻLAZZJONI	DISPOŻIZZJONI	FRAŻI LI SER TIĠI EMENDATA	EMENDA
Regolamenti dwar il-Proċedura Kriminali (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qrati oħra) – L.S. 9.09.	regolament 2	"tar-Regolamenti dwar il-Proċedura Ċivili (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u ta' Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti oħra)"	"tar-Regolamenti dwar il-Proċedura Ċivili (Regolament tar-Reġistri, l-Arkivji u l-Funzjonijiet tad-Direttur tal-Qrati (Għawdex) u Uffiċjali Eżekuttivi oħra tal-Qorti)"
Regolamenti dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u Appelli minnu – L.S. 490.01.	regolament 8	"tar-Regolamenti dwar il-Proċedura Ċivili (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u ta' Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti oħra)"	"tar-Regolamenti dwar il-Proċedura Ċivili (Regolament tar-Reġistri, l-Arkivji u l-Funzjonijiet tad-Direttur tal-Qrati (Għawdex) u Uffiċjali Eżekuttivi oħra tal-Qorti)"

Verżjoni Elettronika

L.N. 508 of 2021

CODE OF ORGANIZATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)

Civil Procedure (Regulation of Registries, Archives and Functions of Director General (Courts) and other Court Executive Officers) (Amendment) Regulations, 2021

IN EXERCISE of the powers conferred by article 1009A of the Code of Organization and Civil Procedure, the Minister for Justice and Governance has made the following regulations:-

Citation and commencement.

S.L. 12.21.

1. (1) The title of these regulations is the Civil Procedure (Regulation of Registries, Archives and Functions of Director General (Courts) and other Court Executive Officers) (Amendment) Regulations, 2021 and these regulations shall be read and construed as one with the Civil Procedure (Regulation of Registries, Archives and Functions of Director General (Courts) and Other Court Executive Officers) Regulations, hereinafter referred to as "the principal regulations".

(2) These regulations shall come into force on 14 December 2021.

Substitutes regulation 1 of the principal regulations.

2. Regulation 1 of the principal regulations shall be substituted by the following new regulation:

"1. The title of these regulations is the Civil Procedure (Regulation of Registries, Archives and Functions of Director Courts (Gozo) and other Court Executive Officers) Regulations".

Amends regulation 4 of the principal regulations.

3. Regulation 4 of the principal regulations shall be amended as follows:

(a) in sub-regulation (1) thereof, the words "Director General (Courts)" shall be substituted by the words "Director of Courts (Gozo)";

(b) in sub-regulation (2) thereof, the words "Director General (Courts) and Tribunals" shall be substituted by the words "Director of Courts and Tribunals (Gozo)";

(c) sub-regulation (3) thereof shall be substituted by the following new sub-regulation:

"(3) The Director General (Courts) shall be

Verżjoni Elettronika

responsible for the management and administration of the Gozo Courts, including the registries, archives and other services. He shall head the Gozo Courts and all court executive officers performing duties in the Gozo Courts shall, in the execution of their duties, take instruction from, and be answerable to, the Director of Courts (Gozo).";

(d) in sub-regulation (4) thereof, the words "Director General (Courts)" shall be substituted by the words "Director of Courts (Gozo)";

(e) sub-regulation (5) thereof shall be substituted by the following new sub-regulation:

"(5) Whenever a court or tribunal requires for the execution of its lawful functions the use of any space as aforesaid, it shall, through the deputy registrar assigned to it or performing duties therewith, request the use of such space to the Director of Courts (Gozo) or to such officer whom the Director of Courts (Gozo) may delegate for the purpose."; and

(f) in sub-regulation (7) thereof, the words "Director General (Courts)" shall be substituted by the words "Director of Courts (Gozo)".

Verżjoni Elettronika

SCHEDULE
Consequential amendments to other legislation

LEGISLATION	PROVISION	PHRASE THAT IS TO BE AMENDED	AMENDMENT
Criminal Procedure (Regulation of Registries, Archives and Functions of Director General (Courts) and other Court Executive Officers Regulations – S.L. 9.09.	regulation 2	"of the Civil Procedure (Regulation of Registries, Archives and Functions of Director General (Courts) and Other Court Executive Officers) Regulations"	"of the Civil Procedure (Regulation of Registries, Archives and Functions of Director Courts (Gozo) and other Court Executive Officers) Regulations"
Administrative Review Tribunal and Appeals therefrom Regulations – S.L. 490.01.	regulation 8	"of the Civil Procedure (Regulation of Registries, Archives and Functions of Director General (Courts) and Other Court Executive Officers) Regulations"	"of the Civil Procedure (Regulation of Registries, Archives and Functions of Director Courts (Gozo) and other Court Executive Officers) Regulations"

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — ***Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

Prezz/*Price*
€0.27